# Kwalità, Faqar, Assunzjonijiet

Ma nafx hux b'kumbinazzjoni li tpoġġejt hawn wara ekonomista. L-aħħar kelma li qal kienet *'restructure or die'*. Nixtieq nitkellem dwar *restructuring* mhux tas-sistema ekonomika iżda tas-sistema soċjali. Se nikkonċentra l-aktar fuq in-nisa għaliex meta dħalt hawnhekk rajt li hawn biss erba' nisa li qegħdin jirrappreżentaw nofs il-popolazzjoni ta' Malta, meta nofs il-votanti huma nisa, u għax meta tkun waslet l-elezzjoni jappellaw għall-vot tagħna. Minkejja t-tibdil fil-liġi tal-familja u l-bini ta' strutturi għall-ugwaljanza, fir-realtà ma naħsibx li akkwistajna daqskemm naħsbu u se nsemmi ftit eżempji.

Is-soċjetà tagħna għadha strutturata fuq il-premessa jew l-assunzjoni li d-dar hemm xi mara; tista' tkun omm, tista' tkun oħt, tista' tkun xi nanna, li qiegħda tieħu ħsieb it-tfal, qiegħda tieħu ħsieb persuni anzjani, persuni li għaddejjin minn xi kriżi, persuni morda li ma jistgħux jitħallew waħedhom id-dar. Dik l-assunzjoni m'għadhiex valida għar-realtà ta' llum. Nisimgħu min jitkellem dwar li n-nisa għandhom jagħtu kontribut ekonomiku, kontribut fil-politika u kontribut f'kull qasam tas-soċjetà. Fir-realtà ħafna nisa ma jistgħux jagħtuh. Għalhekk għandu jkun hemm ristrutturazzjoni tas-soċjetà fejn l-irġiel għandhom jagħtu kontribut iktar fid-dar, fejn jitnaqqas l-iżbilanċ bejn l-isfera domestika u l-isfera pubblika biex għallinqas naraw rappreżentanza xierqa fiż-żewġ sferi u kull waħda tingħata importanza adegwata. Għax wara kollox meta tispiċċa mix-xogħol trid tmur id-dar, id-dar trid issib il-mistrieħ. Hemm ħtiġijiet li tfittixhom u jingħataw biss fid-dar. Hawnhekk nagħmel riferenza għal dak li ntqal dwar edukazzjoni u anki dwar is-soċjetà. Se nispiċċaw u qegħdin jispiċċaw ħafna nies weħedhom, emarġinati minħabba li għalkemm

---



PAULINE MICELI hija għalliema tax-xjenza f'Junior Lyceum. Bejn l-1976 u l-1988 ħadmet fil-qasam tax-xandir pubbliku bi produzzjonijiet edukattivi, immirati partikolarment għan-nisa, u wara fit-taqsima tax-xandir għall-iskejjel. Artikolista regolari li tittratta aspetti soċjali tal-ħajja Maltija. Ix-xogħol tagħha *Maria-Eva* (SKS, 1991), hu msejjes fuq intervisti ma' nisa Maltin. Hija wkoll kittieba ta' letteratura għat-tfal u għall-kbar. *L-Avventuri ta' Heliks* (Bugelli, 1990), u *Il-Kewkba ta' Debra u Stejjer Oħra* (SKS, 1993) huma pubblikazzjonijiet għat-tfal. F'dawn l-aħħar snin kienet rebbieħa ta' kompetizzjonijiet tal-kitba ta' l-istejjer imnedija mill-Għaqda Bibljotekarja Maltija. Imwielda Ħaż-Żabbar fl-1949. Miżżewġa lil Charles, għandhom bint waħda Vanessa, u joqogħdu n-Naxxar.

materjalment għandhom il-flus, appoġġ psikoloġiku u emozzjonali m'humiex qegħdin isibu. U dan m'hux tort tagħna n-nisa.

Filwaqt li nitkellmu dwar l-attività ekonomika u nħeġġu lin-nisa biex joħorġu jaħdmu, jien naraha inkwetanti, l-aktar meta għandek direttorat u struttura tal-gvern li suppost tiggarantixxi l-ugwaljanza fuq il-postijiet tax-xogħol, li qegħdin jiġu impjegati ħafna u ħafna nisa *part-timers*. Fl-iskejjel minflok segretarji, minflok *clerks* bħala ħaddiema regolari *full-timers* u li huma kwalifikati u għandhom l-esperjenza, qed jiġu impjegati l-istess nisa, li għax għandhom il-familja u għax ħafna huma kostretti li joħorġu jaħdmu b'erba' sigħat kuljum b'kundizzjonijiet ta' xejn ħlief li jitħallsu bis-siegħa. La vaganzi, la *sick leave*, la beneficċji oħrajn li jitħallsu ħaddiema regolari. M'aħniex qegħdin napplikaw il-prinċipju ta' *job sharing* meta dan jista' jiġi faċilment applikat u qegħdin allura nagħtu lok għal ħafna esplojtazzjoni. Din ma nafx kif nistgħu nniżżluha u kif jista' xi ħadd, biex jagħmel il-bilanċ ekonomiku, jisfrutta u jesplojtja l-ħaddiema nisa b'dan il-mod.

Ir-realtà minn naħa ta' min huwa *wage earner* hi iebsa. Jiena *wage earner*, u kien xokk għalija meta rrealizzajt li b'paga waħda familja ma tistax tgħix. Jiġifieri llum min ma jaħdimx it-tnejn, il-mara u r-raġel, ir-raġel irid jaħdem *part-time job*. Jista' jkun li l-paga tiegħi u ta' żewġi flimkien ma tammontax għal paga waħda, ma nsemmix ta' professur għax hawnhekk hawn ħafna professuri. Imbagħad ikun xokk akbar meta tmur tieħu servizz ta' speċjalista jew anke ta' *plumber* biex insemmi l-iskali kollha u jiċċarġjaw qisu għalihom żjieda ta' Lm2 iktar, għal servizz ta' ftit minuti, m'hi xejn. Meta tikkalkola r-rata li jitħallsu bis-siegħa ħafna impjegati, u r-rati li jitħallsu huma ma ssib ebda paragun.

U għalija dan se jġib faqar ġdid u diġà beda jġib faqar ġdid għaliex minflok ma ntejbu l-kwalità tan-nies u l-kwalità tal-ħajja qegħdin biss inkabbru l-i*strain*, u mbagħad nakkużaw in-nies li huma materjalisti. Fil-fatt mit-tfal li nara l-iskola l-aktar fejn jiġu skola tal-gvern, *Junior Lyceum*, fejn tara tfal li ġejjin minn familji l-aktar li huma ħaddiema komuni, hemmhekk tara li l-kwalità tan-nies għadha fqira. Qegħdin nassumu ħafna affarijiet, qegħdin nassumu li l-ġenituri tagħhom jistgħu jew iridu jixtrulhom il-kotba. Tara tfal biż-żraben imqattgħa, tfal b'uniformi li m'hix daqshekk preżentabbli, tfal li lanqas il-korteżija bażika ma jafu, taf li lanqas biss kapaċi jesprimu ruħhom fl-iktar affarijiet sempliċi. Din għalija hija xi ħaġa li m'hijiex aċċettabbli għaż-żminijiet ta' llum. Hawnhekk diġà tkellmu edukaturi oħrajn qabli fejn enfasizzaw l-importanza li ngħallmuhom l-i*skills*. It-*teachers* għandhom jiġu ttrenjati u għandu jkun hemm *re-training programmes* għat-*teachers* biex l-i*skills* jingħataw f'kull qasam tat-tagħlim. It-tfal għandhom jingħataw iktar minn hekk. Dawn l-i*skills* huma essenzjali, però hemm ir-realtà ta' l-eżamijiet li l-ebda *teacher*

ma tista' taħrab minnha għax għandek studenti li jridu jidħlu f'korsijiet l-Università u ma jistgħux jaħarbu mill-fatt li 'l dawn jitolbuhom iċ-ċertifikati. Ma nistgħux lanqas naħarbu mill-fatt li jekk inti għandek kwalifiki tal-karta, ċertifikati iktar minn ħaddieħor, inti se tingħażel u tingħata iktar preferenza fl-għażla. Dik hija l-meritokrazija li nitkellmu dwarha llum.

Nixtieq nara l-kontroll tagħna stess fuq ħajjitna u din hija xi ħaġa li tolqtot ħafna l-kwistjoni tagħna n-nisa. Il-mara stess għandu jkollha kontroll fuq ġisimha. Ma nidħlux fil-kwistjonijiet morali hawnhekk, però f'Malta ma tistax tmur tieħu parir dwar kontraċezzjoni u ppjanar tal-familja addattat għalik minn aġenziji li m'humiex tal-Knisja. Inħoss li dan huwa nuqqas speċjalment meta qegħdin nitkellmu dwar soċjetà pluralista, soċjetà iktar sekulari, soċjetà fejn inti libera li tħaddan kwalunkwe twemmin reliġjuż li trid.

Narah nuqqas ukoll fl-iskejjel tagħna speċjalment fl-iskejjel ta' l-istat li meta qegħdin nitkellmu dwar *primary health care* u prevenzjoni kontra l-mard it-tfal fil-primarja m'humiex diġà mrawwmin fl-isports, m'humiex diġà qed jingħataw edukazzjoni fiżika tajba. Imbagħad jaslu fis-sekondarji u joħorġu barra mis-sekondarji ma jafux jimxu, ma jafux jiċċaqilqu, bi problemi ta' obesità u problemi oħrajn fis-saħħa. Nagħlaq fuq iż-żgħażagħ li semma ħaddieħor għax jiena wkoll għandi tfajla żagħżugħa. Lit-tfal għandna nagħtuhom il-bażi ta' dixxiplini differenti ta' sport. Drama fl-iskejjel ma teżisti mkien u nħoss li hija wkoll importanti kif tkellem dwarha xi ħadd. Jekk aħna ma nrawmux dawn l-affarijiet fiż-żgħar u ma nagħtuhomx importanza mill-primarja u jibqgħu telgħin biha s-sekondarja, kif nistgħu nippretendu li ta' 16, 17-il sena se jmorru jipprattikaw sport jew se jmorru jieħdu sehem fid-drama jew se jipparteċipaw f'kull qasam tal-ħajja. Wisq inqas nistennew li jkollna rappreżentanza xierqa.